# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 564/16/1 FDP**

**Av. Dr Sarah Sultana bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Homeline SRL, u permezz ta' nota ppreżentata fit-22 ta' Ġunju, 2022, Maurizio Cavalieri assuma r-rappreżentanza tas-soċjetà estera Homeline SRL flok Dr Sarah Sultana**

**v.**

**Nutar Andre Farrugia**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-konvenut minn sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla li permezz tagħha kkundannatu jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €16,000 minflok is-somma mitluba ta' €48,956.46.

**Daħla**

2. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fit-12 ta' Lulju, 2016 l-attriċi *nomine* ppremettiet u talbet is-segwenti:

> "1. Illi s-soċjeta' attriċi Homeline Srl, li hija bbażata ġewwa Ragusa, Sqallija, tiġġestixxi negozju ta' arredamenti u home interiors ta' kull tip;
>
> 2. Illi oriġinarjament is-soċjeta' attriċi kienet tikkollabora mas-soċjeta' Maltija ta' l-għamara magħrufa bħala Blue Sly Furniture Ltd., u tramite din l-istess soċjeta' Maltija, is-soċjeta' attriċi ġiet mqabbda tagħmel xi xogħol ta' realizzazzjoni u muntaġġ ta' arredamenti għall-konvenut, fosthom kċina kif ukoll arredamenti għal appartament ta' l-istess konvenut ġewwa lBelt Valletta;
>
> 3. Illi wara illi l-istess konvenut kien ra il-kwalita tax-xogħol kif ukoll is-servizz mogħti lilu mis-soċjeta' attriċi, f'Settembru tas-sena 2014 l-konvenut qabbad lis-soċjeta' attriċi direttament sabiex isiru arredamenti u home interiors ġewwa l-villa tiegħu f'Madliena.
>
> 4. Illi f'Settembru 2014, sar kuntratt bejn il-partijiet għall-ewwel merkanzija mibjugħa lill-konvenut mis-soċjeta' attriċi, iżda wara Settembru 2014, u senjatament f'Novembru 2014, Marzu 2015, Awwissu 2015, Settembru 2015 u Ottubru 2015,l-konvenut baqa' jordna u jixtri aktar arredamenti u home interiors mingħand is-soċjeta' attriċi fir-rigward ta' liema ma sar l-ebda kuntratt in vista tar-rapport li kien ilu stabbilit bejn il-partijiet. Fil-frattemp l-konvenut kien qiegħed jagħmel pagamenti akkont tal-prezzijiet finali mogħtija lilu mis-soċjeta' attriċi u maqbula bejn il-partijiet;
>
> 5. Illi f'Ottubru 2015, kien għad fadal pendenza ta' €41,936.46 (inkluż it-taxxa tal-VA.T. bir-rata applikabbli l-Italja ta' 22%) dovuti fuq l-fornitura, konsenja u muntaġġ ta' arredamenti li kienu ġew ordnati bejn Settembru 2014 u Marzu 2015, għal liema somma l-invoices relattivi nħarġu missoċjeta' attriċi f'Ottubru 2015 u ntbagħtu lill-konvenut;
>
> 6. Illi fil-frattemp għal dak li jirrigwarda l-ordnijiet magħmula bejn Awwissu 2015 u Ottubru 2015 mill-konvenut lis-soċjeta'attriċi, kien hemm is-somma ulterjuri ta' €7,020.00 (inkluż it-taxxa tal-V.A.T. bir-rata applikabbli l-Italja ta' 22%) dovuta fuq l-istess ordnijiet, liema somma s-soċjeta' attriċi kienet qed teżiġi illi titħallas kompletament mill-ewwel qabel il-konsenja u dana stante li kien għad fadal il-bilanċ sostanzjali ta' €41,936.46 li kien għadu ma tħallasx mill-konvenut nonostante illi x-xogħol li għalih jirreferu linvoices in kwistjoni kien ġie konkluż, u s-soċjeta' attriċi ma setgħetx tkompli toħroġ flus mill-but mingħajr ma

titħallas tiegħu. Din ir-rikjesta ma ġietx aċċettata mill-konvenut, u l-ordnijiet magħmula mill-istess konvenut għal din is-somma baqgħu ma gewx konsenjati iżda għadhom miżmuma missoċjeta' attriċi fl-istores tagħhom;

7. Illi sal-ġurnata tal-lum nonostante diversi interpellanzi bejn il-partijiet, għad fadal bilanċ x'jitħallas mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi fis-somma ta' €48,956.46 (inkluż it-taxxa tal-V.AT. bir-rata applikabbli l-Italja ta' 22%);

8. Illi għalhekk kellha tiġi istitwita din il-kawża;

Jgħid għalhekk l-konvenut għaliex għar-raġunijiet fuq premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex prevja kwalsiasi provvediment jew dikjarazzjoni neċessarja u opportuna;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut Nutar Andre Farrugia huwa debitur tas-soċjeta' attriċi estera Homeline Srl fis-somma ta' tmienja uerbgħin elf, disgħa mija sitta u ħamsin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€48,956.46) rappreżentanti bilanċ dovut għal merkanzija konsistenenti f'arredamenti u home interiors mixtrija mill-istess konvenut mingħand issoċjeta' attriċi;

2. Konsegwentement tordna lill-istess konvenut sabiex fi żmien perentorju li għandu jiġi stabbilit minn din l-istess Qorti jħallas lis-soċjeta' attriċi Homeline srl. is-somma ta' tmienja u erbgħin elf, disgħa mija sitta u ħamsin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€48,956.46) rappreżentanti bilanċ dovut għal merkanzija konsistenti f'arredamenti u home interiors mixtrija mill-istess konvenut mingħand is-soċjeta' attriċi;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ fit-22 ta' Ġunju 2016 mis-soċjeta'attriċi kontra l-konvenut li jġib in-numru 940/2016, kif ukoll l-imgħax bl-ogħla rata permissibbli bil-liġi kontra l-konvenut illi huwa minn issa nġunt in subizzjoni".

3. B'<u>risposta maħlufa u kontrotalba</u> ppreżentati fit-12 ta' Awwissu, 2016 il-konvenut Nutar Andre Farrugia (il-Konvenut) laqa' għat-talbiet attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti u għadda sabiex iressaq it-talbiet rikonvenzjonali tiegħu:

"1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut m'għandu jagħti xejn lill-atturi skond ftehim minnhom raġġunt

bi prezzijiet hemm indikati liema kopja qiegħda tiġi hawn annessa bħala dokument AF1, AF2, AF3, AF6 u AF 7

2. Illi x-xogħolijiet interkorsi mill-atturi lil konvenut fil-fond Razzett San Pawl, Triq is-Sebħ, Madliena huma kollha mħallsa skond il-ftehim raġġunt minkejja illi x-xogħolkijet li ġew interkorsi ma sarux skond is-sengħa u l-arti u wħud minnhom għadhom ma ġewx konsenjati.

3. Illi huwa ben not fil-ġurisprdenza u fil-liġi li prezzijiet mogħtija mill-fornitur attur kellhom jinkludu fihom il-VAT u mhux jiżdied il-VAT oltre l-prezz ta' dak mifitiehem u dan sakemm ma jingħadx xorta oħra fit-tali iskrittura.

4. Illi effettivament l-invoices SS2 datati Ottubru 2015 inħarġu wara li saru lpagamenti kollha dovuti mill-konvenut skond kif rikjest mill-attur u miftiehem bejn l-konvenut u l-attur.

5. Illi kif jirriżulta mid-dokument AF4 u AF5 il-pagament magħmul mill-konvenut skond kif rikjest mill-istess attur ġew pagati a saldo kif jirriżulta middokumenti hawn annessi.

6. Illi minkejja li l-pagamenti dejjem saru a saldo kif fuq ingħad il-prezz għandu dejjem ikun dak indikat mill-attur u mhux jippretendi oltre l-prezz miftiehem pagament ieħor ta' 22% fuq il-prezz miftiehem.

7. Illi minkejja dan mhux l-oġġetti kollha mibjugħa mill-attur u mixtrija millkonvenut ġew fornuti lill-konvenut bħal fost affarijiet oħra: pagament ta' għoxrin metru parquet li mhux utilizzat; żewġ blinds ta' gazebo; diffetti filgazebo; persjani miksura; hinges tal-persiani; xkaffef neqsin filgwardarobba u fil-walk in wardrobe; kummissjoni tal-blinds interni; difetti fid-decking; tqegħid ta' injam inferjuri minn dak miftiehem fid-decking u differenti minn ieħor imqiegħed fl-istess żona; serratura nieqsa f'bieb intern; siġġijiet esterni konsenjati miksura.

8. Illi dawn l-oġġetti minkejja li ġew imħallsa mill-konvenut lill-attur għadhom ma ġewx fornuti u/jew imwaħħla lilu kif jirriżulta minn korrispondenza bejn l-istess konvenut u s-subkuntratturi li ssuplixxew uħud minn dawn l-oġġetti lillattur u li jikkonfermaw minn naħa tagħhom li l-attur minkejja li rċieva l-flus min għand l-konvenut ma ħallasx lis-subkuntratturi u għalhekk dawn ta' lañħar ma jridux jikkonsenjawlu jew iwaħħlu jew jirranġaw dawn l-oġġetti mixtrija u pagati.

9. Illi konsegwentement huwa m'għandu jgħati xejn lis-soċjeta' attriċi imma se mai hija s-soċjeta' attriċi li hija debitriċi tiegħu ta' xogħol esegwit ħażin u/jew ta' nuqqas ta' fornitura ta' uħud mill-oġġetti u b'kontro talba l-konvenut rikonvenzjonant qed jitlob ir-riżarċiment tad-danni tax-xogħol ħażin esegwit mill-attur fil-fond tiegħu.

10. Salv eċċezzjonijiet oħra".

4. Kontrotalba.

"1. Illi huwa kien xtara mingħand is-Soċjeta' Attriċi rikonvenzjonata Homeline srl diversi oġġetti biex jiġu fornuti u suppliti fid-dar Razzett San Pawl, Triq isSebħ, Madliena skond ftehim raġġunt bejn il-partijiet dokument AF1 sa AF3 u AF 6 u AF7.

2. Illi dawn l-oġġetti fornuti u konsenjati fil-maggior parti tagħhom ġew montati fil-fond in kwistjoni wħud mhux skond is-sengħa u l-arti bħal per eżempju pagament ta' għoxrin metru parquet li mhux utilizzat; żewġ blinds ta' gazebo; diffetti fil-gazebo; persjani miksura; hinges tal-persiani; xkaffef neqsin filgwardarobba u fil-walk in wardrobe; kummissjoni tal-blinds interni; difetti fid-decking; tqegħid ta' injam inferjuri minn dak miftiehem fid-decking u different minn ieħor imqiegħed fl-istess żona; serratura nieqsa f'bieb intern; siġġijiet esterni konsenjati miksura.

3. Illi l-konvenut rikonvenzjonant ħallas lill-attriċi rikonvenzjonata l-ammont kollhu dovut a saldu (vide Dokument AF4 u AF5) minkejja illi x-xogħolijiet għadhom ma tlestewx skond is-sengħa u l-arti.

4. Illi l-konvenut interpella lill-attriċi rikonvenzjonata biex jikkonsenjalu l-oġġetti li għadhom mhux suppliti kif ukoll biex issewwielu u jirriparalu l-oġġetti mwaħħla u suppliti mhux skond is-sengħa u l-arti.

5. Illi minkejja dan l-attriċi rikonvenzjonata baqa' inadepjenti.

6. Tgħid l-attriċi rikonvenzjonata għaliex din il-Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi x-xogħolijiet interkorsi mill-attriċi rikonvenzjonata fil-fond Razzett San Pawl, Triq is-Sebħ, Madliena tal-konvenut rikonvenzjonant ma sarux kollha skond is- sengħa u l-arti u ma ġewx kollha suppliti lill-konvenut rikonvenzjonant. 2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-attriċi rikonvenzjonata għandha teżegwexxi dawn ix-xogħolijiet u tissuplixxi kull ma għadu ma ġiex supplit skond is-sengħa u l-arti lill-konvenut rikonvenzjonant u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha ffissat minn din il-Qorti.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant biex jagħmel dawk ix-xogħolijiet rimedjali a spejjeż tal-attriċi rikonvenzjonata;

4. Tikkundanna illi l-attriċi rikonvenzjonata biex tirrifondi lill-konvenut rikonvenzjonant il-valur tal-oġġetti"

5. Fl-10 ta' Ottubru, 2016 l-attriċi *nomine* laqgħet għat-talbiet rikonvenzjonali billi ressqet l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1. Filwaqt illi huwa minnu illi l-konvenut rikonvenzjonanti xtara diversi oġġetti mis-soċjeta' rikonvenzjata Homeline srl, huwa kontestat illi tali oġġetti mixtrija jirriżultaw mid-dokumenti eżebiti mill-istess konvenut Dok. AF1 - Dok. AF3, AF6 u AF7 u dana peress illi hemm merkanzija varja oħra illi ġiet ordnata mill-istess konvenut li mhix inkluża f'dawn l-istess dokumenti u dana kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;
>
> 2. Illi d-dikjarazzjoni ta' l-konvenut rikonvenzjonanti in kwantu għall-fatt illi wħud mix-xogħolijiet ma sarux skond is-sengħa u l-arti hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża - jingħad anzi illi kuntrarjament għal dak allegat, ix-xogħolijiet illi saru da parti tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata, li kienu xogħolijiet ta' ċertu kumplessita saru kollha skond is-sengħa u l-arti, u bi preċiżjoni kbira, tant illi l-istess konvenut rikonvenzjonanti qatt ma ilmenta dwar l-istess xogħolijiet u huwa biss issa, għaliex rinfaċċjat b'kawża għall-ħlas illi qiegħed jallega illi hemm xi xogħol li ma sarx skond is-sengħa u l-arti biex jipprova jeħles milli jħallas dak minnu dovut lill-istess soċjeta' attriċi rikonvenzjonata.
>
> 3. Illi mingħajr pregudizzju għal dak sottomess aktar 'il fuq jingħad ukoll illi kien hemm xi ftit irqaqat, xogħolijiet rimedjali, illi s-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata, kemm il-darba kienet disposta illi tagħmel u kien hemm ukoll l-intervent ta' l-Avv. Ian Vella Galea f'dan is-sens, iżda nonostante diversi proposti illi għamlet l-istess soċjeta' lill-konvenut, l-konvenut irrifjuta kwalsiasi proposta u kien l-istess konvenut illi impedixxa illi tintervjeni ssoċjeta' attriċi rikonvenzjonanti f'dan is-sens. Għaldaqstant linadempjenza da parti tas-soċjeta' attriċi kienet kaġun biss ta' l-konvenut rikonvenzjonanti għaliex is-soċjeta' attriċi minn dejjem iddikjarat ruħha lesta biex tagħmel l-interventi neċessarji fuq l-irqaqat u l-ftit x-xogħolijiet rimedjali li kien għad fadal u kien l-konvenut li baqa' jirrifjuta, u ta' dan m'għandhiex taħti s-soċjeta' attriċi.
>
> 4. Illi hija wkoll infondata d-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut rikonvenzjonanti illi huwa ħallas lis-soċjeta' rikonvenzjonata l-ammont kollu minnu dovut a saldu — dak li tħallas mill-konvenut rikonvenzjonanti huma biss akkonti talprezzijiet finali u għall kull akkont tal-prezzijiet finali, is-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata ħarġet il-fatturi relattivi, u dan kif jirriżulta mill-istess fatturi annessi mal-preżenti bħala Dok. SS3. L-istess akkonti ġew ukoll imnizżla fil-fatturi finali li ġew maħruġa f'Ottubru 2015, u mnaqqsa missomma totali fuq il-fatturi finali. Di piu mid-dokumentazzjoni eżebita millistess ntimat rikonvenzjonanti, huwa pależi illi kien għad fadal pendenzi x'jitħallsu lis-soċjeta' attriċi rikonvenzjonanti u l-ebda pagament ma sar a saldu mill-istess konvenut.

5. Illi l-konvenut għandu jindika x'inhuma l-oġġetti illi qiegħed jgħid li għadhom ma ġewx suppliti – f'dan il-kuntest jingħad illi għal dak li jirrigwarda parti mis-somma dovuta lis soċjeta' attriċi rikonvenzjonata, ossia s-somma ta' €7,020.00 għall-ordnjiet magħmula bejn Awwissu 2015 u Ottubru 2015, lkonvenut irrifjuta illi jħallas għal dawn l-istess oġġetti ordnati, inkluż blintervent ta' l-Avv. Ian Vella Galea, għalhekk ma jistax l-konvenut jippretendi li jiġi supplit b'ordni li qiegħed a priori jirrifjuta illi jħallas. Dana kollu fi żmien meta kien hemm diġa' pendenza ta' €41,936.46 x'jitħallsu minnu lissoċjeta' attriċi rikonvenzjonata;

6. Illi għalhekk t-talbiet ta' l-konvenut rikonvenzjonanti fil-kontro-talba tiegħu huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk din il-Qorti għandha tgħaddi tiċħad l-istess talbiet fl-intier tagħhom.

7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permissibbli bil-liġi;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonanti li huwa minn issa nġunt in subizzjoni;"

6. B'sentenza tat-23 ta' Jannar, 2023 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża u l-kontrotalba billi:

"Dwar it-talba konvenzjonali

Tilqa' it-tielet u s-sitt eċċezzjonijiet tal-konvenut Nutar dwar il-VAT.

Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet.

Tilqa' it-talbiet tar-rikorrent nomine limitatament kif ġej:

Tilqa' l-Ewwel Talba u Tiddikjara li l-konvenut Nutar Andre Farrugia huwa debitur tas-soċjeta' attriċi estera Homeline Srl fis-somma ta' sittax-il elf Ewro (€ 16,000) rappreżentanti bilanċ dovut għall-merkanzija konsistenti f'arredamenti u home interiors mixtrija mill-istess konvenut.

Tilqa' t-Tieni Talba tar-attriċi u konsegwentement Tikkundanna u Tordna lill-istess konvenut sabiex, fi żmien xahar mil-lum, jħallas lis-soċjeta' Homeline Srl l-ammont ta' sittax-il elf Ewro (€ 16,000) rappreżentanti bilanċ dovut għall-merkanzija konsistenti f'arredamenti u home interiors mixtrija mill-istess konvenut mingħand is-soċjeta' attriċi.

Dwar it-talba Rikonvenzjonali

Tilqa' l-eċċezzjonijiet tar-attriċi nomine, u għalhekk:

> Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut għar-raġunijiet fuq spjegati.
>
> Imgħax huwa dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.
>
> L-ispejjeż għall-proċedura odjerna kollha għandhom ikunu a kariku tal-konvenut".

7. Il-konvenut ħassu aggravat minn din is-sentenza u b'rikors tal-appell ippreżentat fit-22 ta' Frar, 2023 talab lil din il-Qorti, għar-raġunijiet hemm mogħtija, "tħassar is-sentenza mogħtija in parte mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata t-23 ta' Jannar, 2023 fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan fejn laqgħet l-ewwel u t-tieni talba konvenzjonali tas-soċjetà appellata u fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellata rigward it-talba rikonvenzjonali, filwaqt illi, tirriforma s-sentenza fir-rigward tal-allokazzjoni tal-ispejjeż."

8. Is-soċjetà attriċi ġiet notifikata fis-sede tagħha ġewwa Raguża fi Sqallija iżda ma ppreżentatx risposta.

9. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza *ai termini* tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

10. Il-**fatti** li taw lok għal din il-kawża huma fil-qosor kif ġej:

- Ir-relazzjoni bejn il-partijiet taf il-bidu tagħha meta l-konvenut ordna kċina mingħand il-kumpanija Bluesky Furniture Limited, mhux parti f'dawn il-proċeduri, li kienet tordna, da parte tagħha, il-merkanzija mingħand is-soċjetà estera attriċi Homeline SRL. Il-konvenut ħallas l-ammont li jidher f'Dok SS2 sa SS4, fol. 308 sa 310. Ma jidhirx li kien hemm problemi dwar dik il-konsenja u dak in-negozju ma hux parti mill-mertu tal-kawża odjerna.

- Sussegwentement is-soċjetà attriċi Homeline SRL għamlet ftehim direttament mal-konvenut sabiex tarredalu l-villa tiegħu ġewwa l-Madliena, appalt b'valur ta' circa €200,000, kif jirriżulta minn korrispondenza Dok SS11 fol. 136.

- Il-kuntratt tax-xogħlijiet kien intbagħat permezz ta' *email* eżebit bħala Dok MC1 fol. 60-61 fejn ġie stipulat illi l-ħlas kellu jsir 40% mal-iffirmar tal-kuntratt, it-tieni ħlas ta' 40% mal-avviż li ser issir il-konsenja u l-bilanċ ta' 20% wara li ssir l-installazzjoni.

- Jirriżulta mid-dokumenti u provi in atti, li l-fattura numru 27/15 fol. 71 biss inħarġet mingħajr VAT minħabba li l-*parquet* kien intuża f'uffiċċju u mhux fir-residenza tal-konvenut. Il-*parquet* kien indikat bħala parti mil-lista ta' xogħlijiet fil-kuntratt oriġinali Dok MC1 fol. 60 u 61 tal-proċess.

- Is-soċjetà attriċi bagħtet l-ewwel fattura għall-pagament akkont ta' €20,000 għall-*parquet* (fol. 39). Fil-fatt, din is-somma tħallset mill-konvenut f'żewġ partijiet fis-somma ta' €14,000 li tħallset fit-22 ta' Settembru 2014 (fol. 89) u s-somma ta' €6,000 li tħallset fil-5 ta' Diċembru 2014 (fol. 90).

- Wara l-kuntratt oriġinali ta' Settembru 2014, saru diversi ordnijiet ta' viti għall-kamra tal-banju Dok MC2 (fol. 62-68).

- Saret ordni oħra f'Marzu 2015 Dok MC3 fol. 67-70, ordni li telenka prodotti u prezzijiet iżda mhux modalità ta' pagamenti.

- Kien hemm merkanzija oħra ordnata f'Lulju, Awwissu u Settembru 2015, Dok MC6 a fol. 77, Dok MC7 fol. 80 u Dok MC9 fol. 85. L-ordni ta' Dok MC7 kienet ta' persjana li fuqha nqala' diżgwid bejn il-partijiet, u li għadha ma ġietx imħallsa kif jidher mill-korrispondenza b'*email* eżebita fol. 159 sa 166.

- Matul l-andament tax-xogħol, is-soċjetà attriċi bagħtet total ta' sitt fatturi għas-somma totali ta' €161,000 eżebiti Dok SS3, fol. 39 sa 44. Dawn il-fatturi Dok SS3 kollha ġew rikonoxxuti mill-konvenut u kopja tal-pagamenti jinsabu eżebiti fol. 89 sa 95 tal-proċess.

- Il-fatturi finali li ntbagħtu huma l-fatturi 27/15, 28/15, 29/15, 30/15, 31/15 u 32/15 (fol. 7 sa 12), u minbarra dan hemm ukoll fattura finali numru 33/15 fol. 13-14 fl-ammont ta' €30,399.96.

L-Aggravji tal-Konvenut Appellant.

11. Permezz tal-ewwel aggravju l-konvenut appellant jattakka s-sentenza appellata inkwantu ġie kkundannat sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €16,000. Jgħid illi din is-somma huwa ħallasha peress li ġie dirett mis-soċjetà attriċi illi jħallasha lil terzi fl-interess tal-istess appellata. L-appellant jgħid illi l-prova li €16,000 tħallsu minnu lil terzi fuq struzzjonijiet ta' Maurizio Cavalieri li jirrappreżenta lis-soċjetà attriċi hija *email*[1] tad-9 ta' Settembru, 2015 mibgħuta minn Cavalieri lill-konvenut fejn fiha jingħad:

> "Veramente finora sono stati consegnati €201,000.00 di prodotti ed ho incassato €171,000.00
>
> Quindi non ho acconto, tutto quello che ho ricevuto e' meno di quello che ho consegnato".

12. L-appellant qed jinterpreta din l-*email* bħala struzzjoni mingħand is-soċjetà attriċi sabiex iħallas is-somma ta' €16,000 lil terzi kredituri tas-soċjetà attriċi u mhux direttament lis-soċjetà attriċi. Jgħid illi kull meta

---
[1] Dok AF9 anness mal-affidavit tal-konvenut.

rċieva *invoice* huwa dejjem ħallasha a saldu u għalhekk ma kien jonqsu jħallas xejn lis-soċjetà attriċi.

**Ikkunsidrat**

13. Huwa minnu li din l-*email* hija bil-lingwa Taljana, però ma hiex miktuba b'xi Taljan diffiċli li tiddeċifrah. Bl-ebda mod din l-*email* ma tista' tiġi interpretata bil-mod kif qed jinterpretaha l-appellant. Jekk verament it-terzi tħallsu mill-konvenut fuq struzzjonijiet tal-appellata, kull ma kellu jagħmel l-appellant kien li jsejħilhom bħala xhieda. Però mill-atti jirriżulta illi l-appellant mill-bidu nett ma kellux l-intenzjoni li jsejħilhom bħala xhieda tant li lanqas huma mniżżla fl-elenku tax-xhieda. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti dwar dawn is-€16,000, il-pretensjoni tal-konvenut li din is-somma ħallasha lil terzi fuq struzzjonijiet tas-soċjetà attriċi ma hi korroborata bl-ebda mod. Kull ma hemm fl-atti dwar din il-pretensjoni hija l-verżjoni tal-konvenut, kontrastata u miċħuda mis-soċjetà appellata.

14. **Għalhekk din il-Qorti tqis dan l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant bħala mhux biss infondat iżda wkoll li hu manifestament fieragħ.**

15. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tiegħu, imressaq bla preġudizzju għall-ewwel wieħed, l-appellant jgħid illi l-ammont li ġie kkundannat mill-Ewwel

Qorti jħallas huwa fi kwalunkwe każ eċċessiv għaliex skontu l-Ewwel Qorti żbaljat fil-kalkoli tagħha. Jgħid illi anke jekk jitqies illi s-somma ta' €16,000 imħallsa lil terzi ma tħallsitx fl-interess tal-appellata, l-ammont dovut huwa anqas minn dak kanonizzat mill-Ewwel Qorti. Skont l-appellant il-kalkolu kellu jkun kif ġej:

> "19. Illi abbazi tal-kalkoli maghmula mir-rapprezentant tas-socjeta appellata stess, u cioe Maurizio Cavlieri, f'Dok SS18, jidher illi jekk mill-ammont pretiz ta' €227,224.34 jigu mnaqqsa l-VAT mitlub mis-socjeta appellata, u cioe' €32,943.46, kif ukoll l-ammont ta' €7,019.88, l-ammont pretiz jammonta għal €187,261.
>
> 20. Illi pero hekk kif gie kkonfermat mis-socjeta appellata stess, l-esponent appellant hallas lis-socjeta appelata, permezz ta' cekkijiet u cash, totalment ammontanti ghal €178,000. Dan l-ammont ma jinkludix z-zewg cekkijiet fl-ammont ta' €16,000 f'isem terzi illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant sabiex ihallas.
>
> 21. Illi ghalhekk, minghajr ebda pregudizzju ghal-ewwel aggravju, jekk is-somma ta' €178,000 titnaqqas mis-somma globali surreferita, u dan abbazi ta' Dok. SS18, is-somma dovuta mill-appellant hija dik ta' €9,261 u mhux €16,000 kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti".

16. Dwar dan l-aggravju l-Qorti tibda billi tirreferi għall-prospett dettaljat dwar il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi ppreżentat minnha u li jinsab a fol. 169-171 tal-proċess. Għall-aħjar intendiment qed jiġi hawn riprodott:

> **"I. Rendikont tas-somma ta' €41,936.46 (mertu ta' din il-kawza) dovuti mill-konvenut lis-socjeta estera Homeline srl fuq merkanzija Ikkonsenjata lilu**
>
> **A. Merkanzija Ikkonsenjata lin-Nutar Andre Farrugia ai termini tal-fattura numru 27/15 - Dok. SS2 a fol. 7 fol-process, din il-merkanzija kienet giet fatturata lill-ufficcju notarili tal-konvenut ghall-applikabilita ta' l-ezenzjoni bejn Stati membri tal-VAT, u li dwarha xehed Maurizio Cavalieri fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2017**

| | |
|---|---|
| Mq 95 teak Burma | 13,775.00 |
| Mq 30 rovere | 3,000.00 |
| Posa in opera 125 Mq parquet | 1,875.00 |
| Ml 100 Zoccolo in Teak | 1,600.00 |
| Total | 20,250.00 |

**B. Merkanzija ikkonsenjata lin-Nutar Dr. Andre Farrugia ai termini tal-fatturi numri 28/15, 29/15, 30/15, 31/15, 32/15, 33/15 - Dok. SS2 fols. 8-14 tal-process**

| | |
|---|---|
| Gazebo Med-Twist Ditta Gibus con luci a led +N°1 Tenda | 21,700.00 |
| Composizione Divani Infinity Ditta Ethimo | 6,800.00 |
| Tavolo in Teak Costes Ditta Ethimo | 2,850.00 |
| N°8 Poltroncine Costes Ditta Ethimo | 3,200.00 |
| Portoncino+finestra per ripostiglio esterno | 1,980.00 |
| Parete in lroko lnterna/Esterna con mobile per alloggio TV | 8,870.00 |
| Parete in lroko Esterna per alloggio infissi e parapetto | 4,960.00 |
| Composizione Salotto William Ditta Valentini | 8,400.00 |
| Tavolo 200x100xh90 realizzato in legno antico | 3,820.00 |
| Portoncino lngresso con chiusura di sicurezza | 2,290.00 |
| Mobile di chiusura per vano quadri elettrici | 1,380.00 |
| Vaso completo di sedile Ditta Kartell per bagno ospiti | 550.00 |
| Lavabo a colonna Ditta Nic Design per bagno ospiti | 1,400.00 |
| Rubinetto Rettangolo XL nero ditta Gessi per bagno ospiti | 480.00 |
| Scala in acciaio e rovere completa di ringhiera e parapetto in vetro, realizzata come da disegni fornitici | 5,240.00 |
| Mobile divisorio in rovere con doppia altezza, con inseriti armadi librerie, 2 porte, parapetti in vetro e legno, come da disegno fornitoci | 16,000.00 |
| Mobile contenitore/porta tv da esterno realizzato in lroko con top in quarzo completo di frigo da incasso ditta Ariston | 3,180.00 |
| Camera da letto Ditta ALF 1 completa di: Armadio-Letto-2 Comodini-Cassettone-Piano Scrittoio | 4,950.00 |
| N°2 porte per ingresso bagni | 1,300.00 |
| N°1 porta separazione bagni apertura a spingere e t irare | 1,180.00 |
| N°2 porte per ingresso camere con cerniere invisibi li | 1,640.00 |
| N°2 Mobiletti da bagno completi di lavabo-rubinetti e specchiere | 1,980.00 |
| N°7 Persiane in Okume laccato bianco, con le seguent i misure: 2840x2165-1340x1250-805x1000-730x835-763x895 762x903-1097x1155 | 8,975.00 |
| Fornitura e posa in opera di Mq 90 di decking in lROKO | 11,700.00 |
| Miscelatore a parete per lavabo Zucchetti | 580.00 |
| Miscelatore doccia con devio Zucchetti | 230.00 |
| Soffione doccia Zucchetti | 250.00 |
| Doccino con presa acqua Zucchetti | 210.00 |

| | |
|---|---|
| Piatto doccia in acciaio filo pavimento | 1,150.00 |
| Pedana in Teak per piatto doccia | 780.00 |
| Vasca da bagno Class | 1,850.00 |
| Rubinetto vasca Free-Standing Zucchetti | 1,550.00 |
| Miscelatore per vasca Zucchetti | 180.00 |
| Box Doccia in vetro Fumè con anta scorrevole e accessori | 3,690.00 |
| Lavabo in Corian | 920.00 |
| Mobile per lavabo complete di specchio in Teak | 2,180.00 |
| Armadio a Muro portascarpe | 1,240.00 |
| Mq 6 Mosaico TreD in Teak | 1,625.00 |
| Porta laccata ingresso WC | 650.00 |
| Porta ingresso camera apertura a Bilico | 1,180.00 |
| Cabina Armadio | 4,260.00 |
| Letta Chorus Ditta Twils in Ecopelle | 2,275.00 |
| Materasso in Memory Foam | 1,319.00 |
| Panca con cassetti da cm 390 in Teak | 2,880.00 |
| N°3 Finestre a Vasistas, N°1 Finestra Bagno con aggi unta scuretto | |
| N°1 Porta/finestra a 2 Ante con scuretti, il tutto p er € | 4,210.00 |
| Porta a Bilico in Vetro Fumè | 840.00 |
| Ringhiera per scaletta rifatta con angolatura diversa | 350.00 |
| Total | €159,224.00 |
| Skont konkordat bejn il-partijiet u inserit fil-fattura nru 33/15 | €9,481.00 |
| Valur tal-merkanzija minghajr VAT u wara Ii tnaqqas I-iskont | €149,743.00 |
| VAT 22% | €32,943.46 |
| Total (VAT Inkluz) | €182,686.46 |

| | | |
|---|---|---|
| **Total Komplessiv tal-Fornitura A u B** | **€** | **202,936.46** |
| **Pagamenti Bankarji maghmula mill-konvenut u ircevuti minn Homeline srl** | **€** | **161,000.00** |
| **Total Ii ghadu ma thallasx Ghall-fornituri A u B** | **€** | **41,936.46** |

**II. Merkanzija Ordnata min-Nutar Dr. Andre Farrugia, liema merkanzlja ghadha fil-pussess tas-socjeta attrici ma saritx il-konsenja taghha stante illi n-Nutar irrifjuta illi jhallas is-somma ta' €7,020 ghal din il-merkanzija, liema somma baqghet ma thallsitx sal-lum u tifforma ukoll parti mill-mertu ta' din il-kawza**

| | |
|---|---|
| Poltroncine Ditta Ethimo | 770.00 |
| Persiana | 1,840.00 |
| Tende per Gazebo ditto Gibus | 3,000.00 |

| | |
|---|---|
| Ripiani per Armadio ditto Alf | 144.00 |
| Total (Minghajr VAT) | 5,754.00 |
| VAT (22%) | 1,265.88 |
| Total | €7,019.88 |

**III. Prodotti extra li gew konsenjati, xogholijiet li gew ezegwiti u spejjez sostnuti, li m'humiex parti minn din il-kawza u tal-valur komplessiv ta' €17,268.00, li thallsu min-Nutar Dr. Andre Farrugia permezz tal-flus kontanti f'Malta u li pero m'humiex inkluzi fil-fatturi mertu ta' din il-kawza:**

| | | |
|---|---|---|
| Angolo in Iroko per zona posto auto | € | 3,440.00 |
| Montaggio Mosaico 3D (manodopera e collanti) | € | 280.00 |
| Montaggio rete copertura aria cond. (manodopera e rete) | € | 170.00 |
| Spesi per intervento tecnici Gibus | € | 1,300.00 |
| N°6 Rulli motorizzati (5 Elettrici+1 ad ultrasuoni) zona cucina | € | 7,900.00 |
| N°4 Rulli motorizzati (2 Elettrici+2 ad ultrasuoni) di cui 2 oscuranti e due in tessuto di arredo per la Main Bedroom | € | 4,178.00 |
| **Total** | € | **17,268.00** |

**Flus Kontanti Imhallsa min-Nutar Dr. Andre Farrugia lis-socjeta Homeline srl. ghal dawn il-prodotti/xogholijiet/spejjez**

| | | |
|---|---|---|
| In Ufficio da lui al raggiungimento dell'accordo più imp. (AF3) | € | 6,000.00 |
| In Villa consegnatici da sua mamma ad Agosto 2015 | € | 8,000.00 |
| Da lui consegnati all'Avvocato Galea per Malcolm Cassar | € | 3,000.00 |
| **Total** | € | **17,000.00** |

17. Dan il-prospett juri biċ-ċar illi l-ammont globali pretiż mis-soċjetà attriċi kien ta' €227,224.34 kif sewwa qed jgħid l-appellant fit-tieni aggravju tiegħu.

18. Minn din is-somma jridu jitnaqqsu (i) €32,943.46 li naqset l-Ewwel Qorti bħala VAT mitlub mis-soċjetà attriċi indebitament; (ii) €7,019.88 (prezz u VAT ta' merkanzija li ma ġietx konsenjata); (iii) €17,000.00 li huwa paċifiku bejn il-partijiet li tħallsu mill-konvenut jew membri tal-familja tiegħu fi flus kontanti; u (iv) €161,000.00 imħallsa kif ġej:

€14,000 - 22/09/14 - fol. 89

€6,000 - 05/12/14 - fol. 90

€44,000 - 23/03/15 - fol. 91

€30,000 - 15/05/15 - fol. 92

€37,000 - 06/07/15 - fol. 93

€20,000 - 12/08/15 - fol. 94

<u>€10,000 - 20/09/15 - fol. 95</u>

<u>**€161,000.00 -**</u>

19. Għalhekk mill-ammont globali ta' €227,224.34 irid jitnaqqas l-ammont ta' €217,963.34 (*ie*. €32,943.46 + €7,019.88 + €17,000.00 + €161,000.00 fuq spjegati).

20. **€227,224.34 nieqes €217,963.34 iħalli bilanċ ta' €9,261.00;** u mhux l-ammont ta' €16,000 kanonizzat mill-Ewwel Qorti.

21. L-iżball fil-kalkoli li għamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata huwa illi meta trattat u ddeċidiet il-pretensjoni tal-konvenut illi fost il-ħlasijiet li kien għamel lis-soċjetà attriċi kien hemm €16,000 li tħallsu lil terzi, pretensjoni li l-Ewwel Qorti ġustament sabet li ma kenitx fondata; minflok ma għamlet l-eżerċizzju matematiku appena magħmul minn din il-Qorti; għaddiet sabiex qieset dawk is-€16,000 bħala ammont dovut lis-soċjetà attriċi. Fi kliem ieħor qieset dawk is-€16,000 barra mill-kuntest tagħhom u injorat il-prospett fuq riprodott li jagħti stampa ċara tal-pretensjoni tal-attriċi appellata f'din il-kawża. Fil-fatt dawk is-€16,000 lanqas biss jidhru fil-prospett imsemmi proprju għaliex is-soċjetà attriċi qatt ma rrikonoxxiet li tat struzzjonijiet lill-konvenut sabiex iħallas għan-nom tagħha lil terzi. Din iċ-ċifra ta' €16,000 tressqet bħala parti mid-difiża tal-konvenut li huwa ħallas l-ammont kollu dovut. Riġettata mill-Ewwel Qorti l-pretensjoni tal-konvenut dwar is-€16,000 imħallsa lil terzi; il-kwistjoni dwar is-€16,000 kellha tieqaf hemm u mhux tiġi konvertita bħala parti mill-pretensjoni tas-soċjetà attriċi.

22. **Dan it-tieni aggravju jirriżulta għalhekk fondat u qed jiġi akkolt b'dan illi s-somma kanonizzata qed tiġi ridotta minn €16,000.00 għal €9,261.00.**

23. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jilmenta minn kif ġie deċiż il-kap tal-ispejjeż mill-Ewwel Qorti fejn ikkundannatu għall-ispejjeż kollha

tal-kawża. Jgħid l-appellant illi filwaqt li s-soċjetà attriċi talbet li titħallas is-somma ta' €48,956.46, hija ġiet kanonizzata fis-somma ta' €16,000.00 biss, anqas min-nofs reklamat u dan ma ġiex rifless fis-sentenza appellata.

24. Skont **Artikolu 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż għandha tirrifletti r-rebħ u t-telf rispettiv tal-partijiet.

25. L-ispartizzjoni tal-ispejjeż ġudizzjarji hija kwistjoni li hija mħollija entro d-diskrezzjoni tal-Qorti, tant illi ġie miżmum illi ċ-ċaħda tal-maġġorparti tal-eċċezzjonijiet ta' konvenut mhux neċessarjament twassal għall-kundanna tal-konvenut għall-ispejjeż (**Paul Farrugia v. Avukat tal-Istat et -** Qorti Kostituzzjonali – 1 ta' Diċembru, 2021). Huwa rikonoxxut li jeżistu każijiet li fihom ma tkunx qed issir ġustizzja mal-parti proċeduralment sokkombenti jekk ma tiġix b'danakollu meħlusa għalkollox mill-ispejjeż. (**HLB Falzon & Falzon v. Josette Xuereb** - Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) – 16 ta' Settembru, 2004).

26. Eżaminat it-tielet aggravju fid-dawl tal-provvediment legali applikabbli u l-ġurisprudenza in materja, din il-Qorti ma ssib xejn li jiġġustifika l-applikazzjoni ta' eċċezzjoni għar-regola kif stabbilità fl-

Artikollu 223 tal-Kap. 12. Ma tara li rriżultaw l-ebda ċirkostanzi li jissuġġerixxu xi temperament mir-regola ġenerali li l-kap tal-ispejjeż għandu jiġi deċiż skont ir-rebħ u t-telf rispettiv tal-partijiet.

27. Ladarba s-soċjetà attriċi talbet li tiġi kanonizzata kreditriċi fis-somma ta' €48,956.46 u minflok ġiet mill-Ewwel Qorti kanonizzata kreditriċi fis-somma ta' €16,000.00, dan kellu jiġi rifless fis-sentenza appellata. Huwa minnu illi kien fid-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti illi takkolla l-ispejjeż ġudizzjarji skont il-fatti specie partikolari tal-każ. Però min jitlob il-ħlas ta' €48,956.46 u jingħata raġun biss fis-somma ta' €16,000.00 ma jistax jitqies rebbieħ; aktar u aktar meta tqis illi l-ammont kanonizzat mill-Ewwel Qorti jammonta għal 32.68% biss tal-ammont mitlub fir-rikors promotur.

28. **Għalhekk tqis illi t-tielet aggravju huwa fondat u qed jiġi akkolt.**

29. Għall-kompletezza din il-Qorti żżid tgħid illi għalkemm fir-rikors tal-appell tiegħu l-konvenut appellant talab ukoll it-tħassir tas-sentenza appellata "fejn laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta appellata rigward it-talba rikonvenzjonali", l-ebda aggravju ma tressaq fir-rikors tal-appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti referibbli għall-kontrotalba.

30. Tenut kont illi l-appell qed jiġi akkolt parzjalment u s-somma kanonizzata favur l-attriċi qed tiġi hawn ulterjorment ridotta għal €9,261.00 (18.90% tal-ammont oriġinarjament reklamat fir-rikors ġuramentat promotur) dan ser jiġi rifless fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

***Decide.***

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda:

**Tiċħad** l-ewwel aggravju filwaqt li tilqa' t-tieni u t-tielet aggravju tal-konvenut appellant.

**Tilqa' parzjalment** dan l-appell, tvarja s-sentenza appellata billi tirriduċi l-ammont kanonizzat a favur is-soċjetà attriċi għas-somma ta' disat elef, mitejn u wieħed u sittin ewro (€9,261) minflok l-ammont kanonizzat mill-Ewwel Qorti, filwaqt li tikkonfermaha fil-kumplament salv dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi inkwantu għal erba' kwinti ($^4/_5$) a karigu tas-soċjetà attriċi u inkwantu għal kwint ($^1/_5$) a karigu tal-konvenut appellant.

| Mark Chetcuti | Robert G. Mangion | Grazio Mercieca |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm